MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 40

26 ta' Lulju 2010

Minuti tas-Seduta Nru. 40 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 26 ta' Lulju 2010.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-minuti tal-ewwel parti u t-tieni parti tas-seduta Nru. 39 li saru fl-14 ta' Ġunju u l-5 ta' Lulju 2010, ġew approvati u ffirmati mingħajr emendi.

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Konkors - Sportivi Melleħin tas-Sena 2009/2010 (S/4/4)

2.1.2. Sar aċċenn għall-minuta 23.1. tas-seduta preċedenti. Is-Sindku għarraf li daħlu n-nominazzjonijiet segwenti:

| | | |
|---|---|---|
| L-Aktar Atleta Li Jipprometti | Vella Darren | Sparar |
| | Vella Matthew | Futbol |

| | | |
|---|---|---|
| L-Aħjar Att Sportiv | Bartolo Raymond | Baseball |
| | Mellieħa Basketball Team | Basketball |

| | | |
|---|---|---|
| Tim Sportiv tas-Sena | Mellieħa Athletics Club | Atletika |
| | Mellieħa Northenders | Baseball |
| | Mellieha Sports Club Youth Nursery | Futbol |

| | | |
|---|---|---|
| L-Uffiċjal tas-Sena | Bugeja Tania | Netball |
| | Debono Vincent | Tiġrijiet taż-Żwiemel |

| | | |
|---|---|---|
| L-Isportiva tas-Sena | Bugeja Tania | Netball |
| | Cilia Judith | Netball |

| | | |
|---|---|---|
| L-Isportiv tas-Sena | Borg Alex | Snooker |
| | Borg St John Wayne | Futbol |
| | Cauchi Luke | Futbol |
| | Chetcuti William | Sparar – Double Trap |
| | Deguara Edward | Snooker |

2.1.3. Kien hemm diskussjoni dwar minn għandu jiġi nominat għar-Rikonoxximent mill-Kunsill Lokali Mellieħa għal Ħidma b'Risq l-Isports fil-Mellieha.. Il-Kunsill ikkunsidra diversi persuni, iżda l-għażla waqgħet fuq is-Sur Edward Camilleri li serva 'il fuq minn tletin sena bħala president tal-Mellieħa Sports Club.

2.1.4. Is-Sindku ppropona li l-ġurija tkun komposta minn persuni ġejjin mill-qasam ġurnalistiku bħal Medialink Communications, The Times of Malta, The Malta Independent, One Productions, Di-Ve.Com u Malta Today. Issuġġerixxa wkoll li s-serta tkun taħt il-patroċinju tas-Sur Carmelo Bartolo – il-Viċi President tal-Malta Football Association.

2.1.5. Kien propost li l-premjijiet għandhom jitħabbru mill-kunsillieri, filwaqt li s-serata tiġi ppreżentata minn Catherine Mifsud u Mark Mizzi li huma kummentaturi tal-isports ma' Melita Cable Television.

2.1.6. Il-Kunsill qabel mal-proposti mressqa fil-minuti 2.1.4. u 2.1.5. aktar 'il fuq.

### 2.2.1. Proġett – "*Two Coasts - One Europe*" (P/10/6)

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.2.1. tat-tieni parti tas-seduta preċedenti u għarraf li saret talba sabiex il-Gvern Ċentrali jgħin fil-ko-finanzjament ta' dan il-proġett.

2.2.3. Is-Segretarju għarraf li huwa għadda d-dettalji dwar spejjeż tal-ivjaġġar li saru mill-grupp Pollakk lill-European Union Programmes Agency, filwaqt illi qed jinġabar l-materjal kollu meħtieġ sabiex jiġi sottomess ir-rapport finali, inkluż dak finanzjarju, bil-għan li jiġi mgħoddi lill-EUPA fiż-żmien stabbilit.

2.2.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.3.1. AvventuraSajf 2010 (E/3/4/Vol VIII)

2.3.2. Il-Kunsillier H. Fenech irrefera għall-minuta 19.1. tat-tieni parti tas-seduta preċedenti u għarraf li sad-data tas-seduta kien hemm 115 tfal li rreġistraw u ħallsu biex jattendu AvventuraSajf 2010. Huwa kompla jgħid li dan kien l-għola ammont ta' tfal li attendew minn meta bdiet tittieħed din l-inizjattiva.

2.3.3. Is-Sur Fenech qal li f'din l-edizzjoni ngħatat konsiderazzjoni partikulari sabiex jinżamm il-kordinatur tas-sena ta' qabel, kif ukoll intalbu jagħtu s-servizzi tagħhom għalliema waħda tal-kindergarten u *facilitator*, minħabba l-esperjenza li għandhom mat-tfal. Dan biex jiġi evitat li, apparti l-kordinatur, il-persuni l-oħra nvoluti jkunu kollha ta' eta` żgħira.

2.3.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.4.1. Tindif ta' aperturi fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum (A/1/2/Vol IV)

2.4.2. Is-Sur R. Cutajar aċċenna għall-minuta 4.6.1. tat-tieni parti tas-seduta preċedenti u staqsa dwar jekk inħargitx il-*purchase order* rigward it-tindif tal-aperturi. Is-Segretarju wieġeb fl-affermattiv.

2.4.3. Is-Sindku kompla jgħid illi jidher li ser ikun hemm konkorrenza biżżejjed biex jibda jiffunzjona n-*Night Shelter* għal dawk l-anzjani li jitolbu l-wens matul il-lejl f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa. Huwa fakkar li l-Kunsill kien ivvota €20,000 għas-Servizzi fil-Komunita` (Vot

Nru. 3380), li probabilment parti żgħira minnhom biss ser tkun intefqetgħet sal-aħħar tas-sena finanzjarja. Is-Sur R. Cutajar għallhekk ippropona li dan il-vot jintuża biex jinxtraw xi attrezzi li jkunu meħtieġa biex jibda jiffunzjona n-*Night Shelter*.

2.4.4. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

### 2.5.1. Skema ta' Ghajnuna Finanzjarja ghal Korsijiet *Lifelong Learning* (E/3/1/Vol III)

2.5.2. Il-Kunsillier C. Bartolo għarraf illi filwaqt li huwa kkonkluda l-kuntatti mal-Ladies Craft Circle dwar il-kors tal-biżżilla, għadu ma rnexxielux jagħmel l-istess mal-Art Club 2000, fir-rigward tal-kors dwar l-artiġjanat.

2.5.3. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u d-Diviżjoni tal-Edukazzjoni tat sal-20 ta' Awwissu 2010 biex il-Kunsill jgħaddilha d-dettalji kollha meħtieġa, inkluż l-ispejjeż previsti.

2.5.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.6.1. *Caravans* fl-inħawi tal-Qortin it-Twil fl-Armier (C/4/Vol III)

2.6.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.11.1. tat-tieni parti tas-seduta preċedenti u ressaq kopja ta' ittra datata 18 ta' Frar 2008, mibgħuta mill-Prim Ministru lill-President ta' Armier Developments Ltd, fejn kien kitiblu li "*Il-Gvern dejjem għamilha ċara, u qed jerġa jagħmilha ċara llum, illi dawk il-kmamar li nbnew qabel l-1992 mhux ser jitwaqqgħu* ….". Is-Sur R. Cutajar illi minn din l-ittra joħroġ biċ-ċar, li fir-rigward tal-*caravans,* qatt ma ngħatat xi konċessjoni mill-Gvern. Kompla jgħid li f'artiklu li deher fuq il-ġurnal "The Times" deher ċar li d-Dipartiment tal-Artijiet ta raġun lill-Kunsill f'din l-interpretazzjoni.

2.6.3. Is-Sur R. Cutajar aċċenna wkoll għall-fatt li fl-inħawi tal-Qortin it-Twil inġiebu tlettax-il caravan, li għal bidu tqiegħdu b'mod inordinat. Wara li nġibdet l-attenzjoni tas-sidien, dawn ġew ipparkjati b'ċerta ordni.

2.6.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.7.1. Post ta' Rikrejazzjoni fi Triq il-Migbħa, Għasel u Xehda (P/4/23/Vol II)

2.7.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 14.1. tat-tieni parti tas-seduta preċedenti u għarraf li l-kuntrattur konċernat intalab jieħu l-miżuri meħtieġa biex jitneħħa l-periklu madwar is-sit imsemmi. Is-Sur R. Cutajar qal ukoll li huwa previst li sa' Diċembru 2010, ix-xogħol fuq il-proġett ser ikun wasal fi stadju avvanzat.

2.7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.8.1. Żieda fis-servizzi tal-Infurzar tal-Liġi matul ix-xhur tar-Sajf (W/3/Vol VIII)

2.8.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 15.1. tat-tieni parti tas-seduta preċedenti u għarraf li saret laqgħa mal-Perit Graziella Galea – iċ-*Chairperson* tal-Kumitat Konġunt Tramuntana. L-istess laqgħa kienet tittratta n-nuqqasijiet mill-Gwardjani Lokali assenjati fuq xogħol fil-Mellieħa. Is-Sur R. Cutajar għarraf ukoll li saru spezzjonijiet f'dawn il-postijiet flimkien mal-Uffiċjal Awtorizzat u l-Viċi Sindku E. Bartolo.

2.8.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

### 2.9.1. Pjan għall-Iżvilupp Rurali - Mizura 313 u 323 – *Heritage Trail* f'Selmun (P/10/3)

2.9.2. Saret referenza għall-minuta 18.1. Is-Sindku għarraf li l-applikazzjoni għall-fondi taħt il-Miżura 313 ġiet aċċettata mill-Bord tal-Evalwazzjoni, iżda tpoġġiet fl-ewwel post tal-lista tar-riżerva, minħabba li l-ammont ta' fondi allokati mill-Unjoni Ewropea ġew eżawriti. Intqal ukoll li l-Gvern mistenni jżid l-allokazzjoni fil-fond tal-Miżura 313.

2.9.3. Is-Sindku għarraf ukoll li l-applikazzjoni dwar il-Miżura 323 ġiet irrifjutata peress li l-Bord tal-Evalwazzjoni esprima d-dubji tiegħu dwar kemm il-Kunsill Lokali jista' jidħol għall-ko-finanzjament li meħtieġ isir. Raġuni oħra mogħtija kienet li l-beni nvoluti kienu għadhom mhux devoluti uffiċjalment lill-Kunsill. Is-Sur R. Cutajar kompla jgħid li bil-għajnuna tal-konsulent legali, ġie ppreżentat appell minn din id-deċiżjoni, fejn ingħatat ċertifikazzjoni mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill fl-aħħar tliet snin, kif ukoll inġibdet l-attenzjoni li l-Gvern ħoloq fond ta' ko-finanzjament sabiex jgħin lill-Kunsilli Lokali jibbenefikaw minn fondi taħt id-diversi programmi tal-Unjoni Ewropea. Il-Bord ġie mgħarraf ukoll t-talba oriġinali għad-devoluzzjoni tal-beni storiċi f'Selmun u fl-Imġiebaħ kienu tmur lura sa Settembru 2008, filwaqt illi l-awtoritajiet kompetenti kienu diġa ddikjaraw li dawn ser jiġu mgħoddija lill-Kunsill fi ftit żmien ieħor.

2.9.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.10.1. Toroq u arranġamenti tat-traffiku f'Santa Marija Estate (T/3/2/Vol X)

2.10.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo irrefera għall-minuta 22.1. tat-tieni parti tas-seduta preċedenti u rrefera għar-rapport li sar wara l-laqgħa li kien hemm fit-2 ta' Lulju 2010 mal-*Land Transport Directorate,* fi ħdan Transport Malta. Is-Sur E. Bartolo kkummenta li minkejja illi kien hemm qbil fuq l-introduzzjoni ta' diversi miżuri, id-direttorat tefgħa ħafna piż tal-implimentazzjoni tagħhom fuq il-Kunsill.

2.10.3. Il-Kunsill innota l-proposti mressqa.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- Skeda ta' Pagamenti – 09/06/10 – 19/07/10
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 08/05/10 – 10/06/10
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 11/06/10 – 01/07/10
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 02/07/10 – 19/07/10
- *Purchase Request Form* – 19/05/10
- Skeda ta' korrispondenza li waslet
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet
- Minuti – Laqgħa ta' konsultazzjoni mal-Operaturi ta' Negozji fit-Toroq Ewlenin dwar ir-Riforma fit-Trasport Pubbliku u t-Traffiku – 21/06/10

## 4.0. Korrispondenza

## 4.1.1. Skedar tal-inħawi fil-Wied tal-Miżieb u l-Wied ta' Xaqrani (P/5/7)

4.1.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li permezz ta' avviż fil-Gazzetta tal-Gvern ġie skedat il-Wied tal-Miżieb u il-Wied ta' Xaqrani bis-saħħa ta' diversi *policies* fil-Pjan ta' Struttura. Permezz ta' ittra datata 16 ta' Lulju 2010, il-MEPA għarrfet lill-Kunsill li jista' jagħmel rappreżentazzjonijiet sa tletin jum minn din id-data tal-ittra, dwar din il-miżura skond ma tipprovdi l-liġi dwar l-Ippjanar u l-Iżvilupp.

4.1.3. Il-Kunsill innota l-kontenut tal-pjanta mehmuża mal-ittra msemmija u qabel mal-iskedar propost.

## 4.2.1. Serata kulturali fil-Manikata (S/6/Vol III)

4.1.2. Is-Sindku rrefera għal ittra datata 18 ta' Lulju 2010 mibgħuta mill-Kunsill Pastorali Parrokkjali tal-Manikata, fejn appellaw lill-Kunsill sabiex jissieħeb fl-organizzazzjoni ta' "Lejla għaż-Żiffa" li ser tittella' fit-28 ta' Awwissu 2010 fi Triq Dun Manwel Grima, biswit il-Knisja Parrokkjali. Huwa qal li l-Għaqda Residenti Manikata ser tkun involuta f'din l-attivita`

4.2.2. Il-Kunsill qabel li għandu jipparteċipa u jagħti l-kontribut tiegħu.

### 4.3.1. Estensjoni tal-Uffiċċju Amministrattiv (K/1/2/Vol IV)

4.3.2. Saret referenza għal ittra datata 11 ta' Lulju 2010, mibgħuta mis-Sur Godfrey Gauci, is-sid tal-fond li jinsab taħt il-bini proprjeta` tal-Mellieħa Sports Club, fi Triq il-Madonna tal-Fatima kantuniera ma' Triq il-Parroċċa. Permezz tal-istess ittra, is-Sur Gauci għarraf lill-Kunsill li huwa lest jikkonsidra il-bejgħ tal-fond fejn attwalment hemm il-ħanut bl-isem ta' "*Foodland*".

4.3.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li s-Sur Gauci għandu jintalab jgħid kemm qed jitlob biex ibigħ il-fond tiegħu. Fid-dawl tal-fatt illi fil-jiem li għaddew inħatar kumitat ġdid tal-Mellieħa Sports Club, ġie deċiż ukoll li ssir laqgħa miegħu dwar l-istess suġġett.

### 4.4.1. Premju Żgħażugħ tas-Sena 2010 (N/1/Vol II)(Z/1/Vol III)

4.4.2. Inqrat ittra datata 26 ta' Lulju 2010, mibgħuta mill-Fundazzjoni OASI, fejn il-Kunsill intalab iressaq in-nominazzjoni tiegħu għall-premju msemmi hawn fuq.

4.4.3. Is-Sindku nnomina lis-Sinjorina Daniela Cauchi li kienet involuta fi proġett dwar dijanjożi fuq mart tal-ġilda bl-użu tal-informatika. Bl-istess proġett, flimkien ma' tliet żgħażagħ oħra, hija rrappreżentat lill-Malta fil-Worldwide Microsoft Imagine Cup Competition li saret fil-Polonja, fejn it-tim Malti kklassifika fit-tnax-il post minn fost 70 tim.

4.4.4. Il-Kunsill qabel man-nomina tas-Sinjorina Cauchi.

### 4.5.1. Premju Anzjan tas-Sena (N/1/Vol II)

4.5.2. Is-Sindku rrefera għal ittra datata 19 ta' Lulju 2010, mibgħuta mis-Segretarjat Parlamentari għall-Anzjani u Kura fil-Kumunita`, fejn il-Kunsill ġie mistieden jinnomina persuna għall-Premju Anzjan tas-Sena. Il-persuna nominata trid tkun impenjata f'inizjattivi volontarji b'risq persuni anzjani u ma' persuni oħra, bil-għan li titjieb il-kwalita` tal-ħajja tagħhom.

4.5.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jinnomina lis-Sur Philip Bezzina li jagħmel xogħol volontarju fost il-morda u l-anzjani tal-Mellieħa. Għalhekk, il-Kunsill talab sabiex jinġabar tagħrif dwaru qabel d-data ta` l-egħluq – fit-13 ta' Settembru 2010.

### 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 19 ta' Lulju 2010.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-iskeda.

### 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet skeda ta' pagamenti mitluba bejn id-9 ta' Ġunju u d-19 ta' Lulju 2010.

6.3. Tressqu wkoll tliet Skedi ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash,* li flimkien ikopru l-perjodu bejn it-8 ta' Mejju u d-19 ta' Lulju 2010.

6.4. Il-Kunsill ra l-iskedi msemmija fil-minuti 6.2. u 6.3., approvahom u ġew iffirmati.

### 7.1. Proposta dwar il-bini ta' kumpless residenzjali u kummercjali fi Triq Ġorġ Borg Olivier – PA 1936/09 (P/5/8/G)

7.2. Billi l-promutur ta' dan il-proġett kien indispost, ġie deċiż li dan is-suġġett għandu jerġa' jitpoġġa fuq l-aġenda tas-seduta li jmiss.

### 8.1. Tħejjijiet għall-Iljieli Mellieħin 2010 (A/5/3/5/Vol II)

8.2. Is-Sindku ppropona li fl-edizzjoni li jmiss il-protagonisti ewlenin ikunu l-artisti, l-kantanti, l-artigjani, il-bdiewa u t-tfal. Għaldaqstant issuġġerixxa li jkun hemm madwar tnax-il artist li jpinġu u jesibixxu x-xogħlijiet tagħhom fil-Bitħa tas-Santwarju. Mas-sezzjoni tal-artisti jistgħu jiġu nklużi x-xogħlijiet li normalment jagħmlu l-Grupp tal-Mejda tal-Appostli għal żmien il-Ġimgħa l-Kbira. Minħabba n-natura ta' din l-arti, il-membri ta' dan il-grupp jistgħu jagħmlu użu minn kamra li tinsab biswit l-Għassa tal-Pulizija. Kif sar fiż-żewġ edizzjonijiet preċedenti, Misraħ il-Parroċċa tista' tintuża biex jiġu prattikati diversi dixxiplini sportivi.

8.3. Ġie ssuġġerit ukoll li jkun hemm il-parteċipazzjoni Għaqda Dilettanti tan-Nar sabiex jagħtu demostrazzjoni dwar kif jinħadem ix-xogħol tan-nar. L-istess għaqda tista' tieħu sehem permezz tar-Radju tal-Komunita`, li f'dawn l-aħħar snin kien ixandar matul il-jiem ta' qabel il-Festa tal-Vitorja.

8.4. Is-Sur R. Cutajar ippropona wkoll li l-Kunċert Operistiku, li fis-sentejn li għaddew kien isir f'Awwissu, din id-darba għandu jsir parti mill-Iljieli Melleħin, proprju fl-ewwel jum tagħhom – fid-9 ta' Settembru. Bħala kantanti u mużiċisti ġew proposti il-kwartet immexxi minn Shirley Helleur, il-pjanista Clifford Borg u s-sopran Andreana Yordanova. Bħala preżentatriċi tas-serata ssemmiet is-Sinjorina Valerie Vella. Fl-istess serata ser jiġi mniedi il-ktieb ta' Paul P. Borg "*Quest for Identity – The Mellieħa Experience*"

8.5. Dwar il-parteċipazzjoni tal-lokalitajiet ġemellati, is-Sindku għarraf li l-Kunsill Lokali ta' Adenau ser jieħdu sehem bi *brass band*, filwaqt li l-*items* li possibilment jipparteċipaw bihom il-Comune di Cavriglia ġew mogħtija fis-seduta preċedenti. Il-Kunsill Lokali ta' Agia Napa kien għadu jrid jikkonferma dwar il-mod kif ser jieħdu sehem, liema konferma tkun tista' tingħata sas-seduta li jmiss.

8.6. Intalab permess mill-Kappillan sabiex waħda mill-Kmamar tas-Santwarju tkun tista' tintuża għall-bejgħ ta' kotba minn awturi Melleħin, inkluż dawk tal-Ħannieqa Kotba Melleħin u *videos* ta' promozzjoni dwar il-lokalita`.

8.7. Il-Kunsillier J. Buttigieg ippropona li uffiċjali mit-tliet lokalitajiet ġemellati mal-Mellieħa għandhom jiġu mistiedna iħawwlu siġar f'parti riżervata għalihom fil-Park tal-Familja f'Tal-Ibraġ. Huwa ssuġġerixxa li dan l-avveniment għandu jiġi mfakkar b'lapida bi tliet lingwi – Ingliż, Ġermaniż u Taljan.

8.8. Ġie propost li għandhom jiġu mistiedna politiċi miż-żewġ partiti sabiex iżuru l-Iljieli Melleħin 2010 fi ġranet differenti.

8.9. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa,

## 9.1. *Resurfacing* ta' Triq il-Kbira bejn Triq in-Naħal u Triq Ġorġ Borg Olivier (T/4/13/Vol X)

9.2. Is-Segretarju għarraf li l-kuntrattur konċernat diġa beda l-kuntatti ma' Transport Malta sabiex titwettaq it-tielet fażi tar-*resurfacing* ta' Triq il-Kbira illi tinvolvi l-parti li tinsab bejn Triq in-Naħal u Triq Ġorġ Borg Olivier. Il-Kunsill ġie mgħarraf li sabiex ikompli l-ipproċessar ta' din l-applikazzjoni, jeħtieġ li jitfassal pjan dwar kif għandu jiġi mdawwar it-traffiku sakemm din il-parti tat-triq tkun magħluqa waqt li jkun għaddej ix-xogħol. Sussegwentement għandha ssir laqgħa mal-entitajiet li għandhom is-servizzi fl-istess triq.

9.3. Is-Sindku qal illi wara kuntatti li kellu ma xi sidien ta' ħwienet fl-istess triq, dawn ipproponew li x-xogħol għandu jinbeda f'Jannar 2011, minflok f'Ottubru 2010, Dan bil-għan li n-negozju jiġi affettwat l-inqas possibbli.

9.4. Il-Kunsill qabel li dan is-suġġett għandu jerġa' jitpoġġa fuq l-aġenda tas-seduta li jmiss peress li jeħtieġ aktar studju.

## 10.1. Żieda fis-servizzi ta' tindif matul ix-xhur tas-Sajf (T/4/6/Vol V)

10.2. Ġie spjeġat li qed ikun hemm pressjoni sabiex isir tindif fil-postijiet tal-vileġġjatura, fiż-żoni tal-*boathouses* u postijiet bħaċ-Ċirkewwa u f'Għajn Tuffieħa. Għaldaqstant intalbet stima lill-Euro Clean Waste Services – li huwa l-kuntrattur attwali fuq it-tindif ta' toroq urbani u rurali - biex iżid il-frekwenzi tas-servizzi li normalment jagħti f'dawn il-postijiet. Iż-żieda tinvolvi li:

- Il-moll taċ-Ċirkewwa jibda jitnaddaf kuljum minflok 3 darbiet fil-ġimgħa;
- Il-parkeġġi f'Għajn Tuffieħa, minn darbtejn fil-ġimgħa jibdew jitnaddfu kuljum;
- It-toroq fiż-żoni Tas-Sellum u Ta' Ġerbulin jinkinsu darbtejn minflok darba fil-ġimgħa;
- Superviżjoni u tindif madwar il-*bring-in sites* tat-Torri l-Abjad, Little Armier, Ramlet il-Qortin; u x-Xatt ta' Santa Marija;
- Tindif tal-parkeġġi li hemm bejn il-Costa Del Sol u l-Mellieħa Bay Hotel, inkluż il-*bring-in site* li hemm f'dan il-post.

10.3. Ir-rati kkwotati jinkludu l-V.A.T. u minghajr 5% *Contract Management Fee*. L-istimi li ngħataw kienu hekk:

Lulju mill-20/07/10 sal-31/07/10 - €1,860 (*pro rata*)

Awwissu kollu - €3,910

Settembru kollu - €3,910

10.4. Is-Sindku aċċenna li permezz tal-Iskema Fondi għal Lokalitajiet bi Bżonnijiet Speċjali matul is-sena 2009 u s-sena kurrenti, il-Gvern Ċentrali alloka €20,000 u €10,000, rispettivament. Huwa spjega wkoll li filwaqt illi l-ewwel somma kienet marbuta fuq tindif u infurzar tal-liġi, it-tieni allokazzjoni hija ntiż speċifikament għat-tindif tal-Moll fiċ-Ċirkewwa u l-madwar.

10.5. Il-Kunsill approva ż-żieda fil-frekwenzi proposti.

## 11.1. Servizz dwar il-Ġbir tal-Iskart Domestiku Mħallat (K/6/2/Vol V)

11.2. Is-Sindku aċċenna għal diversi lmenti li qed jidħlu fl-uffiċċju tal-Kunsill dwar it-tixrid ta' likwidu mill-iscammel tal-kuntrattur responsabbli mill-ġbir tal-iskart imħallat. Dan qed jirriżulta f'inkonvenjenżi għar-residenti bl-irwejjaħ li qed jiġu jikkawżati f'diversi toroq. Huwa saħaq li dan mhux aċċettabbli, għaliex dan ifisser li l-vetturi wżati m'humiex qed jinżammu fi stat tajjeb ta' manutenzjoni.

11.3. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li l-kuntratt attwali skada, iżda s-sejħa li saret sabiex jingħata kuntratt taħt kundizzjonijiet ġodda ser tagħlaq fit-2 ta' Awwissu 2010.

11.4. Il-Kunsill qabel mar-rimarki msemmija fil-minuta 11.2. aktar 'il fuq, filwaqt li nnota t-tagħrif mogħti.

## 12.1. Stedina mill-Comune di Pozzallo (A/5/3/Vol VIII)

12.2. Sindku aċċenna għal stedina datata 16 ta' Lulju 2010, mibgħuta mis-Sindku ta' Pozzallo fi Sqallija, sabiex *chefs* Melleħin jipparteċipaw fis-*Sacra del Pesce*, li ser issir bejn is-7 u 9 ta' Awwissu 2010. Is-Sur R. Cutajar qal li, bħalma sar f'edizzjonijiet preċedenti, ser issir konferenza dwar it-tradizzjonijiet gastronomiċi tal-Mediterran u għalhekk ippropona lis-Sur Guido Debono – iċ-*Chairman* tal-*Malta Chefs Association* – sabiex jieħu sehem f'seminar li ser ikun parti minn din l-attivita`. Is-Sur Debono ħejja *paper* bit-tema "*Le tradizioni dei sapori a Malta e la correlazione con quelle di Sicilia*".

12.3. Bħala *chefs* Melleħin issemmew diversi ismijiet, fosthom:

- Jonathan Farrugia – Hotel San Antonio
- Joseph Bartolo – *ex-Chef* Ramla Bay Hotel
- Daniel Zammit – Buġibba Holiday Complex
- Joseph Cini – Selmun Palace Hotel
- Kevin Vella - Riviera Resort

12.4. Il-Kunsill aċċetta l-istedina.

## 13.1. Pubblikazzjoni "*Il Volcano*" (T/12/1)

13.2. Is-Sindku ressaq kopja tal-magazin "*Il Volcano*" ippubblikat mill-ġurnalista Taljan Marco Spampinato, fejn hemm inkluż artiklu bir-ritratti dwar Malta b'aċċenn fuq il-Mellieħa. Is-Sur R. Cutajar qal li dan l-artiklu nkiteb minn Spampinato wara li żar il-Mellieħa u għamel xi ntervisti, fosthom mal-Viċi Sindku E. Bartolo. Spjega wkoll li r-ritratti li ġew inklużi fl-artiklu ġew magħżula kollha mill-imsemmi ġurnalist, filwaqt illi l-pubbliċita` li ngħatat il-Mellieħa swiet xejn ħlief l-ispejjeż tal-akkomodazzjoni ta' Spampinato, li kienu jammontaw biss għal €80. Tletin elf kopja tiegħu ġew stampati u numru minnhom ġew mgħoddija lill-Kunsill biex jitqassmu fil-lukandi u stabbilimenti oħra.

13.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**14.1. Attivitajiet marbuta mal-ġemellaġġi (K/1/5/Vol IV)(K/1/5/4)**

14.2. Is-Sindku fakkar li l-Kunsill ġie mistieden sabiex jattendi għaċ-ċelebrazzjonijiet li ser iseħħu bejn is-26 u d-29 ta' Awwissu 2010 biex ifakkru l-25 Anniversarju mill-ġemellaġġ bejn l-lokalitajiet ta' Adenau u Sillery fi Franza. Fakkar ukoll li saret stedina oħra mill-Kunsill Lokali ta' Agia Napa f'Ċipru għall-*Agia Napa Festival* li ser iseħħ bejn it-23 u s-27 ta' Settembru u l-Festival Medjevali, ippjanat għal bejn is-16 u t-23 ta' Ottubru 2010.

14.3. Il-Kunsill qabel li għall-attivitajiet ta' Adenau għandu jattendu s-Sindku u l-Kunsillier H. Fenech, filwaqt li għall-Agia Napa Festival jattendu l-Kunsillieri J. Azzopardi u P. Cutajar. Kien hemm qbil li għall-Festival Medjevali għandhom jattendu żewġ kunsillieri u membru mill-i*staff* tas-Segretarjat tal-Kunsill

**15.1. Ġimgħa Maltija fi Brussel (T/12/Vol II)**

15.2. Is-Sindku rrefera għad-diskussjoni li kien hemm fuq dan is-suġġett fis-seduta Nru. 37. Huwa għarraf li il-ħlas ta' €4,000 li qed jintalab il-Kunsill, ser jagħmel tajjeb għal tmien biljetti tal-ajru u l-akkomodazzjoni għal tliet iljieli. Din l-ispiża trid tagħmel tajjeb wkoll sabiex jintrama l-i*stand*, l-akkomodazzjoni u l-ivjaġġar ta' sitt parteċipanti u żewġ kunsillieri. Is-Sur R. Cutajar qal li din l-attivita` issa ġiet trasferita għal Ottubru 2010.

15.3. Il-Kunsill qabel li flimkien mal-membri tal-*Historical Military Society*, fl-i*stand* dawn għandhom ikunu akkumpanjati mis-Sindku R. Cutajar, il-Viċi Sindku E. Bartolo u l-Kunsillier J. Buttigieg. Ġie osservat li l-ispejjeż marbuta mal-attendenza tal-Viċi Sindku E. Bartolo jkunu apparti mill-ispiża msemmija hawn fuq.

15.4. Is-Segretarju aċċenna għall-ħtieġa li l-Kunsill jingħata stedina uffiċjali, akkumpanjata bid-dokumentazzjoni neċessarja.

**16.1. Arbli tal-elettriku perikolużi (E/1/Vol II)**

16.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg ilmenta li l-Korporazzjoni Enemalta qed twaħħal arbli b'tali mod li qed joħolqu dehra kerha u anke periklu fit-toroq. Bħala eżempju huwa qal li dawn jinsabu fil-postijiet segwenti:

- Triq il-Kappillan Magri k/m Triq il-Qalb Imqaddsa;
- Triq Franġisk Zahra k/m Triq Santa Marija; u
- Triq it-Tramuntana qrib il-k/m Triq San Luqa.

16.3. Is-Segretarju qal li forsi għandha ssir distinzjoni bejn arbli li jitwaħħlu temporanjament sakemm ikun għaddej xogħol ta' kostruzzjoni u oħrajn li twaħħlu b'mod permanenti.

16.4. Il-Kunsill qabel li għandha tinġibed l-attenzjoni ta' l-Enemalta dwar il-każi msemmija.

**17.1. Gallariji fi Triq il-Mitħna l-Qadima (T/3/2/1)**

17.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg għarraf li l-gallariji fi Triq il-Mitħna l-Qadima, bejn Triq San Ġużepp u Triq Santa Marija qed isirilhom ħsara b' vetturi ta' ċertu għoli.

17.3. Il-Kunsill qabel li għandhom jiġu kkunsidrati *U-bends* dojoq sabiex ma jħallux vetturi li jitilgħu fuq il-bankina, filwaqt li ma jostakolawx id-dħul u l-ħruġ mill-garaxxijiet li hemm fl-istess parti tat-triq.

**18.1. Tabelli fuq il-Moll tat-Tunnara (X/1/5)**

18.2. Il-Kunsillier C. Bartolo aċċenna għal tabelli li twaħħlu fuq il-Moll tat-Tunnara sabiex jipprojbixxu l-ipparkjar ta' karrijiet illi ma jkunux irmunkati mal-vetturi, fis-Sibtijiet u l-Ħdud, bejn id-9.00am u s-6.00pm biss. Huwa lmenta li din it-tabella għandha tindika li l-ipparkjar tal-karrijiet biss għandu jiġi ttollerat. Kompla jgħid li kellu jkun hemm żewġ spażji riżervati, li jintużaw f'każ ta' emerġenza, liema spażji baqgħu ma sarux.

18.3. Is-Sindku wieġeb illi qed jirriżulta li jkun hemm sidien ta' opri tal-baħar li jiġu bil-karrijiet u ma jkollhomx fejn jipparkjaw il-vettura tagħhom fil-qrib. Is-Sur R. Cutajar qal ukoll li huwa kien infurmat mill-kuntrattur konċernat li l-ispażji ntenzjonati sabiex jintużaw f'każ ta' emerġenza, kienu fil-fatt saru.

### 19.1. Parkeġġ riżervat għal persuni b'diżabilita` (P/8/1/Vol III)

19.2. Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-fatt li jeżistu l-faċitajiet imsemmija hawn fuq fi Triq il-Barrada u f'Dawret it-Tunnara, bejn Triq il-Marfa u Triq is-Sajjieda. Intwera dubju kemm dawn qed jintużaw għall-iskop li għalih saru.

19.3. Il-Kunsill talab li jsiru l-verifiki meħtieġa mal-*Land Transport Directorate* biex jiġi stabbilit jekk dawn sarux b'mod uffiċjali.

### 20.1. *Seaside Slam* fil-Bajja tal-Għadira (S/4/2/Vol III)

20.2. Il-Kunsillier H. Fenech għarraf lill-Kunsill illi fis-27 ta' Lulju 2010 ser issir l-attività msemmija, li fiha ser jieħdu sehem 45 parteċipant. Dawn ser ikunu qed jikkompetu fil-logħob tal-volleyball, handball u f'*obstacle race*. Huwa stieden lill-membri tal-Kunsill sabiex jattendu.

20.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 21.1. Logħob għat-tfal u żgħażagħ fil-Manikata (S/4/2/Vol III)

21.2. Il-Kunsillier H. Fenech għarraf li għat-tieni sena konsekuttiva ser jiġu organizzati *fun games* għat-tfal u ż-żgħażagħ, fosthom logħob tipiku Malti, li jkun divertenti kemm għalihom, kif ukoll għall-kbar li jkunu qed jarawhom. Huwa ssuġġerixxa li din l-attività issir fit-23 ta' Awwissu 2010 fi Triq Dun Manwel Grima, bil-għan li tkun qrib kemm jista' jkun il-Festa ta' San Ġużepp, iċċelebrata fl-istess raħal.

21.3. Is-Sindku għarraf li fit-13 ta' Awwissu 2010 ser tittella' attivita` bħala parti mis-sensiela *Mellieħa Gardens By Night* fil-Manikata.

21.4. Il-Kunsill approva l-proposta.

### AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fil-10.30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 16 ta' Awwissu 2010, fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| Robert Cutajar | Carmel Debono |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |